# L-ewwel pass mhuwiex biżżejjed għat-Trasformazzjoni l-Kbira: l-Istati Membri u l-Parlament għandhom itejbu radikalment il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima

Fis-seklu 21, il-Bidla fil-Klima hija waħda mit-thedidiet l-aktar serji għal-libertà, is-sigurtà tal-bniedem u l-prosperità sostenibbli. Mhijiex biss kwistjoni teknoloġika, ekonomika u politika; hija kwistjoni ta' ġustizzja globali: il-kriżi fil-klima thedded il-prospetti tal-iżvilupp, il-livell tal-għixien u s-sopravivenza tal-fqar, li kkontribwixxew ftit ħafna għal kawżi tagħha. Tisfida l-mod kif qed ngħixu u tenfasizza l-bżonn tagħna li naħsbu mill-ġdid dwar x'inhu importanti għal-livelli ta' għixien tagħna. Madankollu huwa ħafna orħos li jitnaqqsu l-emissjonijiet milli jiġu affaċċjati l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima li qed taċċellera.

L-Ewropa qed iġorr sehem sproporzjonat mir-responsabilità għall-bidla fil-klima. U għandha l-kapaċità li taġixxi minħabba l-potenzjal teknoloġiku, ekonomiku u politiku tagħha. Għalhekk huwa d-dmir u l-opportunità tal-Ewropa li tmexxi l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima skont ir-responsabilitajiet u l-kapaċità tagħha. Biex dan jiġi rikonoxxut, hija meħtieġa bidla ambizzjuża fil-politika, Trasformazzjoni Kbira tas-sistema tagħna tal-enerġija kif rikjest mil-laqgħa tal-Lawreati tal-Premju Nobel, f'Potsdam, f'Ottubru li għadda. Biex jiġi żgurat li niksbu l-kontroll ta' dan il-kompitu, għandna bżonn tibdil fundamentali fl-oqsma kollha tal-politika: mhux biss fis-settur tal-enerġija u l-industriji fl-enerġija intensiva, iżda wkoll fit-trasport, l-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-ibliet. Għandna bżonn nerġgħu nagħrblu mill-ġdid il-prijoritajiet baġitarji, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, u nimmultiplikaw il-finanzjament għal teknoloġiji favur l-ambjent u l-R&D. Jekk nagħmlu dan, niżguraw li l-Ewropa ikollha l-vantaġġ ta' pijunier fir-rivoluzzjoni industrijali favur l-ambjent.

Din ir-riżoluzzjoni hija reazzjoni għall-pakkett dwar il-klima u l-enerġija mniedi mill-Kummissjoni Ewropea fit-23 ta' Jannar 2008. Għall-Ewropej il-Ħodor dan il-pakkett jinkludi għadd ta' tibdil progressiv fil-politika iżda mhemmx dak li hu meħtieġ sabiex tkun indirizzata l-urġenza tas-sitwazzjoni.

## Il-Kummissjoni tonqos fl-ambizzjoni

L-Ewropej il-Ħodor jilqgħu l-allokazzjoni armonizzata tal-permessi tal-emissjonijiet madwar l-UE kollha fil-fażi li jmiss fl-Iskema ta' Skambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS). Madankollu, huwa sors ta' dispjaċir kbir li l-Kummissjoni bbażat il-pakkett tagħha dwar il-klima fuq it-tnaqqis ta' 20% biss tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020. Li tibbaża l-limitu tal-emissjonijiet skont l-ETS fuq preżunzjoni ta' tnaqqis ta' 20% juri pessimiżmu dwar ir-riżultat tan-negozjati internazzjonali dwar il-klima u jibgħat sinjal żbaljat lill-kumplament tad-dinja.

Din il-mira hija wkoll ħafna anqas ambizzjuża mill-approċċ rakkomandat mill-Bord Intergovernattiv tan-NU għall-Bidla fil-Klima (IPCC), li qal li sabiex jiġu evitati l-agħar impatti tal-bidla fil-klima, il-pajjiżi żviluppati jridu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'bejn 25 u 40% sal-2020. Barra miri domestiċi bħal dawn, huwa meħtieġ li jkun hemm impenji biex imexxu 'l quddiem is-suq globali tal-karbonju, sabiex jgħinu lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw

jagħmlu t-tranżizzjoni lejn futur aktar nadif. Għalhekk, NGOs bħad-WWF qed iħeġġu biex sal-2020 ikun hemm mira (domestika) ta' -30% kif ukoll mira internazzjonali ta' -15% permezz tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet. Il-pessimiżmu tal-Kummissjoni ddomina wkoll fit-trattament tas-setturi tal-enerġija intensiva skont ir-rawnd li jmiss tal-Iskema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. Jekk ma jinkisibx livell ugwali mill-ftehim internazzjonali ta' wara l-2012, id-distorsjoni eventwali tal-kompetizzjoni dwar l-irkant tal-allokazzjoni inizjali għas-setturi tal-enerġija intensiva, għandha tiġi indirizzata permezz ta' taxxa fuq il-klima.

Il-Kummissjoni qed tonqos milli tindirizza l-impatt tas-settur agrikolu fuq il-bidla fil-klima. Il-konsum tal-laħam mill-bniedem diġà qed jikkontribwixxi madwar 15% mill-emissjonijiet globali ta' gass b'effett ta' serra Il-Ħodor iħeġġu biex ikun hemm aktar attenzjoni fuq l-impatt klimatiku tal-imġiba tal-bniedem, inklużi l-għażliet tal-ikel. Huwa meħtieġ li jiżdied l-għarfien pubbliku dwar l-impatt tal-konsum tal-laħam u l-prattiki agrikoli fuq il-klima, kif ukoll il-bijodiversità.

**Il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif jew l-Implimentazzjoni Konġunta m'għandhomx ikunu mezz biex jiġu evitati r-responsabilitajiet domestiċi**

Mill-2013 'il quddiem, m'għandux jiġi permess li jintużaw il-krediti tal-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif jew tal-Implimentazzjoni Konġunta, speċjalment sa ma r-regoli ta' mekkaniżmi bħal dawn jiġu speċifikati fi ftehim internazzjonali ta' wara l-2012. Fi kwalunkwe eventwalità, l-użu ta' krediti tal-proġetti għandu jkun limitat, u l-industriji m'għandhomx jiġu permessi li jevitaw it-tnaqqis billi jinvestu barra mill-UE f'setturi li għandhom riskju ta' rilaxx tal-karbonju. It-trasport internazzjonali bil-baħar m'għandux jingħata trattament preferenzjali u għandu jkun inkluż fl-ETS, kif meħtieġ mis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi għas-settur.

**20% biss fit-tnaqqis tas-$CO_2$ ma jlaħħaqx mal-isfida**

Għalkemm il-Ħodor dejjem argumentaw li l-Ewropa sal-2020 tista' tikseb sehem medju ta' 25% mis-sorsi rinnovabbli tal-enerġija, jekk jittieħdu miżuri serji biex jitnaqqas il-konsum totali tagħna tal-enerġija, nistgħu ngħixu bil-mira proposta ta' 20% ta' enerġija rinnovabbli bħala l-ewwel pass lejn ekonomija bbażata fuq l-enerġiji rinnovabbli. Iż-żieda fl-enerġiji rinnovabbli mhijiex xi mezz punittiv biex jinkisbu l-miri tal-klima; huwa mezz ewlieni biex tonqos id-dipendenza tagħna fuq l-enerġija mill-fossili u biex jinħolqu l-impjiegi fl-Ewropa. Il-mira hija, b'mod kruċjali, ibbażata fuq il-konsum finali, u b'hekk l-iffrankar fl-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija huma ċentrali biex tintlaħaq il-mira. Aspett mill-pakkett tal-Kummissjoni li nopponu bil-qawwa kollha huwa l-inklużjoni ta' mira li torbot ta' 10% għall-enerġiji rinnovabbli fis-settur tat-trasport li se tintlaħaq l-aktar permezz ta' fjuwils agrikoli, L-UE għandha tneħħi l-mira obbligatorja ta' 10% għall-fjuwils agrikoli fis-settur tat-trasport!

It-trasport fl-UE issa jammonta għal kważi 30% mill-emissjonijiet tas-$CO_2$. Minkejja dan, ittieħdet id-direzzjoni politika ħażina f'kull qasam: sussidji kbar għal min iniġġes il-klima bħall-vetturi bil-mutur u ajruplani, u aktar u aktar ostakoli u piżijiet għal-linji ferrovjarji. Pereżempju, 55% mill-fondi strutturali tal-UE għall-infrastruttura jintefqu fuq l-awtostradi kontra 18% għall-ferroviji u 8% għat-trasport pubbliku fl-ibliet. Bħala konsegwenza, l-emissjonijiet tat-trasport ikomplu jikbru u jġibu fix-xejn it-tnaqqis fl-emissjonijiet li jinkiseb f'setturi oħra.

**Huma meħtieġa miżuri aktar b'saħħithom jekk l-UE tixtieq li jkollha rwol ta' tmexxija**

Hemm firda sostanzjali bejn l-għan tal-UE li jkollha rwol ta' tmexxija fil-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-klima u l-miżuri li qed tipproponi. Problemi oħra relatati mal-enerġija - bħal sigurtà internazzjonali aktar dgħajfa u żieda fl-instabbilità, l-iskarsezza tar-riżorsi, partikolarment taż-żejt, is-sikurezza tal-forniment, l-emissjonijiet tat-trasport, l-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġiji rinnovabbli fl-aspetti kollha tagħhom, il-konċentrazzjoni tas-suq tal-enerġija f'għadd żgħir ta' oligopolji kbar jew ir-riskji tal-enerġija nukleari - ma jiġux trattati kif xieraq jew saħansitra jiġu injorati mill-gvernijiet tagħna.

Għalhekk il-Ħodor iħeġġu lill-Presidenzi Sloveni u Franċiżi biex jużaw it-8 xhur li ġejjin tal-presidenzi tagħhom biex jipproponu politiki konkreti u sostenibbli dwar il-klima tal-UE u miżuri biex ipattu għal dan il-bidu mhux sodisfaċenti.

Il-Ħodor iħeġġu lill-Istati Membri tal-UE:

a. biex jimplimentaw malajr miżuri li jillimitaw iż-żieda fit-temperatura medja globali ta' 2°C 'il fuq mil-livelli ta' qabel l-industrijalizzazzjoni u biex jieħdu pożizzjoni ta' tmexxija ambizzjuża fin-negozjati internazzjonali dwar il-perjodu ta' wara l-2012 sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim sal-2009 – skont l-objettiv ta' 2°C – waqt il-konferenza tal-UNFCCC f'Copenhagen; **partikolarment il-kisba ta' tnaqqis ta' mhux anqas minn 25-40% fl-emissjonijiet GHG minn pajjiżi industrijalizzati sal-2020** imqabbel mal-linji bażiċi ta' Kjoto, flimkien ma' impenn kumplimentari ta' mhux anqas minn -15% biex id-dikarbonizzazzjoni tas-suq tal-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jgħaddi mis-suq globali tal-karbonju.

b. biex jadottaw, għall-**UE, il-politiki interni kollha biex jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 30% sal-2020 u tal-anqas 90% sal-2050 meta mqabbel mal-livell tal-1990**, konsistenti mal-limitu ta' 2%°C; biex jadottaw il-penalitajiet effettivi, pereżempju sanzjonijiet finanzjarji, għall-Istati Membri li ma jilħqux l-impenji relatati mal-politika tal-klima; u biex joqgħodu lura mill-użu ta' mekkaniżmi flessibbli mill-2012 'il quddiem, sa ma r-regoli ta' tali mekkaniżmi jiġu speċifikati fi ftehim internazzjonali ta' wara l-2012. Wara li jkun intlaħaq ftehim dwar regoli bħal dawn, ikunu meħtieġa impenji addizzjonali sostanzjali biex jimbuttaw 'il quddiem is-suq globali tal-karbonju;

c. biex jagħtu **l-ogħla prijorità** lill-miżuri **li jiffrankaw l-enerġija** minħabba li jagħtu l-akbar kontribut deċisiv lejn il-ħarsien u s-sostenibilità tal-klima; biex sal-2020 jiksbu tal-anqas 20% - 25% fi tfaddil tal-enerġija primarja sabiex l-UE ssir l-aktar ekonomija effiċjenti sa dakinhar; biex isegwu b'ambizzjoni kbira l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija billi jimplimentaw malajr il-miżuri rakkomandati; biex jitolbu lill-Kummissjoni tikkumplimenta dawn il-pjanijiet b'miżuri addizzjonali tanġibbli u li jorbtu sabiex l-UE tkun tista' tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha tal-iffrankar, li huwa tal-anqas darbtejn ogħla mit-titjib attwali fl-effiċenza ta' 1-2% fis-sena, kif stmat mill-Kummissjoni; biex jindirizzaw il-bini kollu, ġdid u dak eżistenti, fir-reviżjoni li ġejja tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-enerġija tal-bini, biex skont l-EuP attwali (Direttiva dwar l-Ekodisinn) jipprojbixxu bozoz inkandexxenti sal-2010 u biex jipprojbixxu l-bejgħ ta' apparat elettriku domestiku, it-tagħmir tal-uffiċċju u l-proċessi industrijali li huma ineffiċjenti fl-enerġija u biex jippromwovu proattivament permezz ta' tikkettar u linji gwida ta' akkwist pubbliku; biex jistabbilixxu mira ambizzjuża Ewropea għall-iżvilupp ta' koġenerazzjoni u biex tiġi maqsuma bejn l-Istati

Membri f'emenda għad-Direttiva ta' Koġenerazzjoni; biex jiżguraw li jintefaq sehem akbar mill-fondi strutturali u ta' koeżjoni tal-UE f'miżuri li jiffrankaw l-enerġija u li l-applikazzjoni tal-fondi m'għandhiex tagħmel ħsara lill-miri ta' effiċjenza fl-enerġija;

d. biex **fl-istrateġija tagħha dwar l-enerġija u l-klima, jindirizzaw is-settur tat-trasport li huwa 96% dipendenti fuq iż-żejt u responsabbli għal 30% mill-emissjonijiet tal-UE**; biex jistabbilixxu mira assoluta għall-UE ta' tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur tat-trasport sal-2020 b'konformità mal-miri tal-UE fil-politika internazzjonali tal-klima; biex jistabbilixxu bidla annwali ta' 1% fil-qasma modali minn mezzi b'livelli tal-klima għoljin ħafna tal-gassijiet, jiġifieri minn karozzi, vetturi tal-merkanzija u ajruplani lejn mezzi ta' transport li huma aktar favur il-klima bħall-mezzi bil-linji ferrovjarji u dawk fuq l-ilma; biex jimplementaw miżuri biex jevitaw it-trasport u jżidu l-effiċjenza tal-enerġija tal-mezzi tat-trasport, partikolarment billi jimponu limitu li jorbot ta' 120g CO2/km għall-medja tal-flotta tal-UE fuq karozzi ġodda sal-2012, biex jiksbu l-mira stabbilita aktar minn 10 snin ilu, u li l-industrija naqset milli tikseb permezz ta' awtoregolamentazzjoni, u biex iżidu aktar l-effiċjenza fl-enerġija tal-anqas b'10 g CO2/km kull sentejn minn dakinhar 'il quddiem biex jilħqu t-80g CO2/ km fl-2020; biex issir reviżjoni bikrija tal-Eurovignette, sabiex ikun hemm miri iktar iebsin; biex jinternalizzaw l-ispejjeż soċjali u ambjentali fil-prezz tal-fjuwil u sabiex jitneħħew is-sussidji inġusti u l-eżenzjonijiet inġusti mit-taxxa partikolarment għas-settur tal-avjazzjoni u biex jimponu taxxa fuq il-pitrolju sabiex jinkiseb livell ugwali bejn il-mezzi ta' trasport;

e. biex jistabbilixxu miri settorjali nazzjonali għall-enerġiji rinnovabbli, partikolarment għall-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ – mhemm l'ebda dubju li, fuq medja, tal-anqas 35% mill-elettriku tal-UE jista' jiġi minn sorsi rinnovvabbli ta' enerġija sal-2020; biex tintlaħaq il-mira ta' 100% ta' enerġija rinnovabbli fuq perjodu twil ta' żmien; biex iwaqqfu skema ta' tariffi għall-enerġija rinnovabbli (*feed-in tariff scheme*) madwar l-Ewropa kollha li hija l-aktar mod effiċjenti biex jinkiseb żvilupp kbir tal-enerġiji rinnovabbli; biex jiżguraw li kwalunkwe skambju virtwali ta' RES-E ma jsirx bi ħsara għas-sistema ta' appoġġ nazzjonali li ntwera li kienet effettiva biex jiġu promossi l-enerġiji rinnovabbli; biex jiżguraw li kwalunkwe skambju virtwali ta' RES-E jiġi permess biss bejn l-Istati Membri meta jilħqu l-miri (interim) tagħhom; biex jieħdu l-miżuri xierqa għall-iżvilupp ta' sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ minn sorsi rinnovabbli ta' enerġija; tqis li filwaqt li l-bijoenerġija jista' jkollha rwol biex titnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili, dawn m'għandhomx jiġu prodotti bi spiża għall-produzzjoni tal-ikel jew iwasslu biex tkompli tiggrava l-bidla fil-klima, id-deforestazzjoni globali, it-telf fil-bijodiversità jew aktar ksur tad-drittijiet tal-bniedem; biex jistabbilixxu kriterji stretti infurzabbli ta' sostenibilità li jħarsu l-kwistjonijiet soċjali konċernati (li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-art, is-sovranità tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel, id-drittijiet għall-ilma, id-drittijiet kulturali, id-drittijiet tal-persuni indiġeni, id-drittijiet għax-xogħol), kif ukoll biex jiżguraw tfaddil sostanzjali fil-gassijiet b'effett ta' serra filwaqt li jiġi meqjus it-tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, emissjonijiet indiretti oħra u l-protezzjoni mill-impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità; u biex jiżguraw li tintuża l-bijoenerġija f'ħafna mill-applikazzjonijiet effiċjenti bħas-sħana u l-enerġija kkombinati.

f. biex **joħolqu livell ugwali reali fis-settur tal-enerġija, li jippermetti lil parteċipanti ġodda biex jidħlu fis-suq u jiffaċilita l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u produzzjoni tal-enerġija deċentralizzata**; biex jiżguraw f'kull Stat Membru is-separazzjoni totali tal-proprjetà tal-produzzjoni tal-enerġija u t-trażmissjoni tal-elettriku u l-gass, itejbu l-enerġija għar-regolaturi nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE li jissorveljaw l-akkordji biex

jillimitaw is-setgħa tas-suq tal-oligopolji kbar tal-enerġija u biex jipprevjenu l-manipulazzjoni tal-prezzijiet fl-iskambji ta' poter u jistabilixxu aġenzija tal-UE għall-koperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali li jkunu b'saħħithom u indipendenti; biex jibdlu x-xejriet ta' skambju kummerċjali tad-WTO biex jippremjaw l-imġiba mtejba f'termini tar-rendiment tal-karbonju minn pajjiżi barra mill-UE li l-prodotti tagħhom jiġu impurtati fl-UE;

g. **biex isaħħu l-iskema ta' skambju tal-emissjoniiet tal-UE permezz tat-twaqqif ta' limitu madwar l-UE kollha f'livell li huwa konsistenti ma' mira ta' tnaqqis domestika ta' 30% u japplikaw irkant bis-sħiħ mill-2013 'il quddiem;** biex jistabbilixxu standards minimi ta' effiċjenza għal impjanti iżgħar tal-enerġija u stallazzjonijiet industrijali li ma jipparteċipawx fl-ETS b'referenza għal dawk li huma minn ta' quddiem fis-settur; biex jippromwovu teknoloġija kombinata b'mod attiv ta' tisħin/tkessiħ u ta' enerġija permezz ta' reviżjoni tad-direttiva eżistenti tas-CHP; biex ikomplu bil-flus pubbliċi biss ir-riċerka dwar il-varjetà ta' mistoqsijiet miftuħa dwar it-teknoloġija tal-qbid u l-ħżin għal perjodu twil ta' żmien tas-$CO_2$ (CCS) sabiex jingħataw il-garanziji kollha li din it-teknoloġija hija sikura, partikolarment fuq perjodu twil ta' żmien, mil-lat ambjentali u dak tal-klima; sabiex jevitaw li jinvestu l-flus pubbliċi fi proġetti tas-CCS ta' dimostrazzjoni u dawk kummerċjali minħabba li dan jgħawweġ is-suq intern u biex dan iħalluh għall-utilitajiet kbar tal-enerġija li qalgħu biljuni ta' EURO fi profitti mhux mistennija permezz tal-allokazzjoni b'xejn ta' kwoti tas-$CO_2$ matul dawn l-aħħar snin; biex jaqblu fuq regolament dwar standards ambizzjużi dwar is-sikurezza, l-impatti ambjentali u tal-klima u responsabilità stretta għas-CCS ta' dimostrazzjoni u dawk kummerċjali;

h. **biex isaħħu l-isforzi li mhumiex tal-ETS** minħabba li l-Kummissjoni kienet wisq konservattiva biex tistabbilixxi miri għal setturi li mhumiex fl-ETS, jiġifieri l-emissjonjiet tat-trasport, u s-settur tal-bini. Il-Kunsill Ewropew qabel li jekk ma jkun hemm l-ebda ftehim internazzjonali, ikun hemm mira domestika ta' tnaqqis ta' 20% għall-2020. Li jiġi propost li jkun permess l-użu ta' CDM/JI u krediti esterni oħra f'sitwazzjoni bħal din, huwa pass ċar lura mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Il-proposta ta' 3% mill-emissjonijiet tal-2005 tikkorrispondi għal parti sostanzjali mill-isforz ta' tnaqqis assenjat lis-settur mhux fl-ETS f'każ ta' sitwazzjoni ta' -20%, possibilment sa 60% mit-tnaqqis bejn l-2013 u l-2020.

i. biex jiġi stabbilit i**t-tikkettar ta' merkanzija għall-konsumaturi** dwar l-impatt klimatiku tagħhom fuq iċ-ċiklu tal-ħajja.

j. biex **jirrikonoxxu li l-enerġija nukleari ma tistax issolvi l-problema klimatika globali:** filwaqt li ddum tal-anqas 12-il sena mit-tfassil sa ma tkun introdotta fid-distribuzzjoni tal-enerġija, l-enerġija nukleari ma jkollha l-ebda effett fuq il-miri tal-2020, tiswa wisq, għandha effetti negattivi (pereżempju inċidenti kbar, trattament tal-iskart, proliferazzjoni tal-armi nukleari u riskji ta' terroriżmu, impatti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent), għandha ftit wisq appoġġ minn fost iċ-ċittadini tal-UE, apparti li l-UE hija kważi 100% dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-uranju li ta' spiss ikun joriġina minn minjieri f'zoni mhux stabbli, jew f'zoni fejn popolazzjonijiet indiġeni jkunu ġew evakwati; biex jieħdu miżuri leġiżlattivi biex jiżguraw li dan is-settur jinternalizza l-ispejjeż esterni kollha li jqisu b'mod partikolari r-responsabilitajiet kollha tal-produzzjoni tal-enerġija; biex ineħħu l-impjanti nukleari; biex iwaqqfu l-R&D f'teknoloġiji li qed jiġu żviluppati li jiswew ħafna biex jiġu miżmuma bħal Iter jew Generation IV; biex ilaqqgħu Konferenza Intergovernattiva (IGC) biex jintemmu l-privileġġi għall-enerġija nukleari permezz tat-Trattat tal-Euratom.

k. biex jinħoloq **Fond għall-Bidla fil-Klima bid-dħul mill-irkanti tal-ETS**, destinat għall-għanijiet li ġejjin: a) biex ikunu finanzjati emissjonijiet imnaqqsa mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (REDD) f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jipprovdu rebħa tripla għall-mitigazzjoni għall-bidla fil-klima, l-adattament, u l-konservazzjoni tal-bijodiversità. b) biex jiffinanzja t-tfaddil fl-enerġija, l-investimenti ta' effiċjenza u l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-miżuri ta' tranżizzjoni għar-reġjuni affettwati mit-tneħħija gradwali meħtieġa tal-faħam.

l. Biex jiddedikaw **20% mid-dħul tal-irkant tal-ETS għal miżuri ta' adattament** fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-Ħodor huma konvinti li l-Ewropa se tkun kapaċi tissodisfa l-wegħda tagħha ta' tmexxija fil-politika dwar il-klima biss jekk tistabilixxi għaliha nnifisha miri domestiċi aktar stretti għall-gassijiet b'effett ta' serra għall-2020 ta' tnaqqis ta' mhux anqas minn 30% meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Minflok li sserraħ fuq l-enerġija nukleari u l-fjuwils fossili, **l-Ewropa għandha tiffoka l-isforzi tagħha fuq it-titjib fl-effiċjenza u l-iffrankar fl-enerġija u l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli**.